MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 362/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**(Spt. A. Agius)**
**Vs**
**Christian Fenech**
**Justin Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Marzu, 2007 għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa s-St. Philip Pharmacy, Triq iċ-Ċeppun, Għaxaq:

1. ikkomettew serq ta' flus, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin, li sar għad-dannu ta' Francis Dalli, Maryanne Dalli u/jew ta' persuni oħra;
2. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, w barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li

jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Lorna Marie West kontra l-volonta' tagħha;
3. fil-waqt li kienu qed jagħmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. ġarrew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
lil Christian Fenech, waħdu -
5. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati permezz ta' sentenza tas-16 ta' Ġunju, 2004 mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-2 t' Ottubru, 2009, li biha, minhabba nuqqas ta' provi ma sabitx lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u ghalhekk illiberathom mill-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 t'Ottubru, 2009, li
bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella w tannulla s-sentenza appellata w minflok isib lill-appellati hatja ta' l-imputazzjoni kollha w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornata tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :-
Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet interpretazzjoni w applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi w kieku dina l-istess Qorti ma ghamlitx dina l-applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi, kienet isib htija fiz-zewg appellati.
Illi l-Ewwel Qorti fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar ikkunsidrat u kienet tal-fehma li :

*“Ghalkemm il-Pulizija offrew indizzji validi li minnhom tista’ tinstab il-htija ta’ l-imputati, il-grad ta’ prova rikjest mill-ligi ma giex milhuq. Fuq l-iskorta tal-provi prodotti, wiehed jista’ jasal ghal konvinzjoni morali li l-imputati wettqu dan ir-reat, izda fil-kamp penali dan mhux bizzejjed u ghandha tinsab htija minghajr ebda dubju dettat mir-raguni”.*

Illi din il-konsiderazzjoni hija kollha kontraditorja ghall-ahhar kif ukoll tmur kontra l-gurisprudenza nostrana w id-dottrina dogmatika li tohrog minnha.

L-Ewwel Qorti f’dan il-vers qeghda tirrikonoxxi li l-prosekuzzjoni gabet provi li jekk il-Qorti toqghod fuqhom tista’ twassalaha ghall-konvinzjoni morali li l-appellati wettqu dan ir-reat. Fl-istess hin il-Qorti qeghda ukoll tghid li dan pero’ mhux bizzejjed peress li l-htija trid tinstab minghajr ma jkun hemm ebda dubju dettat mir-raguni. Kif tista’ tkun moralment konvint li l-appellati huma hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotti meta fl-istess hin hemm dubju dettat mir-raguni. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raguni ma tista’ qatt tkun moralment konvint li hemm htija w *a contrario senso* jekk int moralment konvint ma jistax ikun hemm dubju jew dubji detatti mir-raguni. Il-prosekuzzjoni ma tridx tikkonvinci l-gudikant sal-grad tal-konvinciment assolut izda sal-konvinzjoni morali. B’hekk jista’ jkun hemm dubji imma dawn id-dubji ma jistghux ikunu dettati mir-raguni w jekk ikun il-kaz qatt ma jista’ jkun hemm konvinzjoni morali fuq htija.

Illi huwa veru li dan il-kaz huwa bbazzat totalment fuq provi cirkostanzjali jew indizzjarji li jorbtu lill-appellati mar-reat in kwistjoni bhal hafna kazijiet li jkollha quddiemha kull Qorti Kriminali. Fil-fatt jista’ jigi koncess li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mil-provi diretti. Mill-banda l-ohra l-provi indizzjarji peress li huma indizji w xejn aktar iridu jigu ezaminati b’aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-kaz ‘de quo’ l-Ewwel Qorti ghamlet dan l-analizi ghax fil-kunsiderazzjonijiet taghha semmiet dawn l-indizji kollha w fil-fatt waslet biex tghid li dawn il-provi jistghu jwasslu ghall-konvinzjoni morali li l-appellati wettqu dan ir-reat. F’dan il-kaz fil-fatt il-Qorti kellha quddiemaha sensiela ta’ provi cirkostanzjali li meta tarahom flimkien ma jhallu l-ebda dubju dettat mir-raguni f’mohh il-gudikant li l-appellati kienu hatja. L-appellati gew innotati fuq il-post

tad-delitt ftit minuti qabel ir-reat gie kommess, persuni liebsin l-istess hwejjeg gew maqbuda fuq is-sistema tac-CCTV ta' l-ispizerija, l-Pulizija intercettat l-appellati minuti wara l-kummissjoni tar-reat u dak il-hin kienu liebsin hwejjeg simili ta' dawk li wettqu r-reat u fl-ahhar mill-ahhar l-alibi fornit minn wiehed mill-appellati kien fallus (Sic?) ghall-ahhar. Dawn l-indizzji mehuda flimkien huma katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni ossija li l-appellati kienu l-istess persuni li wettqu r-reati kif dedotti fl-att tac-citazzjoni.
Illi la darba l-Ewwel Qorti kienet moralment konvinta li l-prosekuzzjoni resqet provi bizzejjed sabiex tipprova li l-appellati wettqu r-reati kif dedotti, ma kelliex triq ohra hlief li ssib htija w mhux tillibera minhabba li kien hemm dubji dettati mir-raguni. Biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jolqot l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti meta illiberat lill-appellati mill-akkuzi w addebitu dedotti. . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et.”** [12.5.94; “**ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; “**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx, fuq il-provi li tressqu, tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellati ma kienux hatja tal-imputazzjonijiet u addebitu ta' recidiva (fil-kaz ta’ Christian Fenech biss).

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant Avukat Generali jibda biex jilmenta mill-kontradizzjoni (ghall-inqas apparenti) fil-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti meta qalet testwalment :-

*“Ghalkemm il-Pulizija offrew indizji validi li minnhom tista’ tinstab il-htija tal-imputati, il-grad tal-prova rikjest mill-ligi ma giex milhuq. Fuq l-iskorta tal-provi prodotti, wiehed jista’ jasal ghal konvinzjoni morali li l-imputati wettqu dan ir-reat, izda fil-kamp penali dan mhux bizzejjed u ghandha tinstab htija minghajr ebda dubju dettat mir-raguni.”*

Issa il-kliem adoperat mill-Ewwel Qorti fuq citat hu alkwantu konfuzjonarju mil-lat guridiku ghax hu ben risaput li il-koncett li l-kaz irid jigi pruvat ***“lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni”*** hu espress ukoll regolarment fil-frazi li l-kaz irid jigi pruvat sal-grad “***li jwassal ghac-certezza morali f’ mohh il-gudikant”.*** Dawn iz-zewg frazijiet huma *“interchangeable*” fis-sinifikat u fil-portata taghhom u jintuzaw flimkien jew minnflok xulxin f’ kull trattazzjoni, indirizz jew sentenza fi proceduri penali. Hu minnu li fil-bran fuq citat l-Ewwel Qorti ma uzatx il-kelma *“certezza”* izda il-kelma *“konvinzjoni*” qabel il-kelma *“morali”* , pero’ xorta wahda l-impostazzjoni tibqa’ wahda li tista’ tohloq dubju li hemm xi differenza bejn il-grad ta’ prova li jwassal ghac-certezza (konvinzjoni) morali w l-grad li jwassal biex il-kaz irid jigi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, bhala l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni. Forsi l-Ewwel Qorti kienet tkun aktar preciza guridikament u aktar logikament konfacenti

mal-konkluzzjoni finali taghha kieku qalet li ghalkemm il-provi tal-prosekuzzjoni jiggeneraw suspett qawwi tal-htija tal-appellati, pero' l-provi ma kienux iwasslu biex jippruvaw il-htija taghhom lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk il-prosekuzzjoni bir-ragun ressqet dan bhala aggravju ghall-appell minnha ntavolat.

Pero' din il-Qorti ma tistax tirrovexxja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti biss minhabba l-uzu ambigwu w apparentement kontradittorju ta' din il-frazeologija fil-motivazzjoni taghha izda trid tezamina l-provi kollha bir-reqqa kollha w tara hemmx lok ta' sejbien ta' htija fuq ir-rizultanzi. Dan igibna ghal kumplament tal-aggravju tal-appellant li jinvolvi proprju l-mertu tal-kaz.

Illi minn ezami akkurat tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta – kif del resto jidher li kienet sodisfatta l-Ewwel Qorti – li fl-10 ta' Marzu, 2007, ghall-habta tas-6.30pm, kien dahal ragel liebes gakketta bil-hood u b' xi bicca materjal skur jghattilu l-parti t' isfel ta' wiccu, f' St. Philip Pharmacy, go Triq ic-Ceppun, Hal Ghaxaq, wara li l-ispizjara Lorna Marie West kienet fethet il-bieb ta' barra – li jinzamm maghluq - b' *electric push-button switch* li kellha wara l-*counter*. Kif dahal gewwa, dar-ragel hedded lill-ispizjara b' mus u qalilha: *"Ma naghmillek xejn. Tini l-cash."* u hi fethet il-*"cash register*" u minn hemm hu kien pront hataf il-flus li kien hemm fih, fl-ammont ta' circa Lm200. Dan telaq wara ftit sekondi. Fil-hin tas-serqa ma kienx hemm nies ohra fl-ispizerija. L-ispizjara minnufieh infurmat lis-sidien tal-Ispizerija w lill-Pulizija b' dak li gara.

Il-Pulizija li waslet fuq il-post ftit wara, fuq certa informazzjoni marret minnufieh id-dar tal-appellati, fejn ghall-ewwel sabu biss lill-ġenituri taghhom izda wara ftit waslu l-appellati, qieshom nifishom maqtugh. L-Ispettur Agius kien osserva li l-appellat Christian Fenech kien liebes par zarbun simili w gakketta ghal dawk li kien ra fil-filmati tac-CCTV tal-ispizerija. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fil-kamra tas-sodda tal-appellati w hemm sabu zewg skieken u *"butterfly knife"* u xalla sewda li ukoll kienet simili ghal dak li deher fil-filmati.

Kien ghab-bazi ta’ dawn l-indizji, w wara diversi interrogazzjonijiet serrati - kif jidher mill-istqarrijiet tal-appellati esebiti - li l-Pulizija pprocediet kontra l-appellati bl-akkuzi odjerni.

Id-difiza tal-appellati, *a sua volta*, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ssottomettiet li, apparti c-cahda tal-appellati li huma kienu involuti f’ din is-serqa, l-provi tal-prosekuzzjoni ma kienux konklussivi. Noel Micallef, li suppost kien qal lill-Pulizija li kien ra lill-appellati vicin l-ispizerija, baqa’ ma ttellax jixhed quddiem l-Ewwel Qorti w ghalhekk dak li xehed l-Ispettur dwar dak li suppost qallu jibqa’ biss *“hearsay evidence”*. Meta l-appellati waslu d-dar taghhom ma kellhomx ir-*re furtiva* fuqhom. Il-hin li kien jidher fuq il-filmat tac-CCTV kien zbaljat b’ siegha w dan baqa’ ma giex spjegat. L-ispizjara West ma gharfitx il-hallelin u lanqas setghet tiddeskrivi bi precizjoni l-istatura ta’ dik il-persuna wahda li ffermatha.

Illi l-ewwel sottomissjoni tad-difiza tal-appellati tidher ben fondata. Din il-Qorti tibqa’ mistifikata kif xhud li seta’ kien importanti u rilevanti hafna ghall-kaz tal-prosekuzzjoni – u li addirittura xehed fl-inkjesta magisterjali tant li d-depozizzjoni tieghu tinsab traskritta fil-*process verbal* relattiv esebit – <u>baqa’ ma giex prodott bhala xhud f’ din il-kawza.</u> Dan igib biex kull informazzjoni li seta’ ta lill-Pulizija *a tempo vergine* ftit tal-hin wara s-serqa ma tistax titqies bhala prova f’ din il-kawza.

Hu minnu wkoll li r-*re furtiva* ma nstabitx fil-pussess tal-appellati w li Lorna Marie West baqghet ma setghetx tidentifikhom, ghalkemm qalet li x-xalla esebita (dok. 4) setghet kienet tixbah il-*“bicca sewda”* jew *“muffler”* li kellu quddiem wiccu l-halliel li ffermaha. (fol. 81).

Mill-banda l-ohra pero’, id-differenza fil-hin li tidher fuq il-*print-outs* tal-*istills* li l-Pulizija harget mir-recordings tal-erba’ CCTV cameras li kellha l-ispizerija, (Dok. 10 fl-involukru a fol. 99) gie sodisfacentement spjegat minn Frans Dalli, sid l-ispizerija, meta qal li dan kien ghax ma kienx gie aggustat l-arlogg mis-*“summer time*” ghall-*“winter time”*. (ara depozizzjoni  a fol. 88 tal-process).

Ghalhekk il-kaz tal-prosekuzzjoni jrid jistrieh fuq l-*istills* esebiti (dok. 10) u dak li osservaw, sabu w xehdu dwaru *di scjenza propria* z-zewg Spetturi Agius u Mercieca li nvestigaw il-kaz.

**L-Ispettur Joseph Agius** xehed li hu kien mill-ewwel mar fuq il-post u ra l-filmati tac-CCTV cameras u minn dawn osserva li l-halliel kien liebes gakketta w kellu xi haga sewda quddiem wiccu w kull ma kienu jidhru kienu ghajnejh. Deher ukoll li kellu papocc qiesu stil tal-Puma iswed imma kellu faxx partikolari abjad niezel mal-gemb tieghu. Apparti dan, innota li meta ghamlu *rewind* ghall-hin ezatt qabel saret is-serqa, f' wahda mill-cameras, li kienet taghti fuq Triq il-Hatem, dehru zewg zaghzagh wiehed liebes gakketta tal-jeans [recte: denim] imma kellha l-"*fur*", cioe' illajnjatha bil-"fur" abjad, jitkellmu fejn il-kantuniera tal-ispizerija. Dehru jaqsmu xi darbtejn. Umbaghad, f' mument minnhom, dak li kellu l-gakketta tal-jeans bil-"*fur*" deher jirranga l-*hood* u x-xalla ta' xi persuna li kienet diga' qeghdha mghammda w spjega kif  il-persuna mghammda dehret diehla gol-Ispizerija.

Zied jixhed li meta, fuq informazzjoni li nghataw fuq il-post, huma marru d-dar tal-appellati, kien fethilhom missierhom u ma ghaddietx minuta li ma waslux huma "*mghagglin qishom kemm, kemm nifshom maqtugh"* u qalulu ***:"X' gara? X' gara? X' gara?"*** Meta staqsiehom fejn kienu, qalulu: *"Hawn konna l-Pjazza*". Wiehed minnhom Christian Fenech kien liebes gakketta tal-jeans u bil-*"fur"* abjad (Dok. 3) u x-xhud gharafha mill-ewwel ghax kien ghadu kif ra l-filmat ghaxar minuti qabel u nnota li kien liebes papocc "*li jaqbel hafna ezatt ma dak"* li kien ra fuq il-filmat. Christian kien qal li kienu gejjin minghand il-kugin.

Ghamlu s-search fil-kamra tas-sodda fejn jorqdu l-appellati w sabu xalla (Dok. 4) u kien innota li dak li kien liebes il-*hood* fuq rasu, b' qiesu pizz ta' beritta hiereg minn taht il-*hood*, f' mument minnhom, billi kien hafna rih, kellu x-xalla ttir bir-rih u ra x-xniexel johorgu cari fil-filmat u

innota li dawn kienu identici ghal dawk tax-xalla li sabu w li giet esebita.

Kienu ukoll sabu mus, tip ta' *butterfly knife* li fuqu ezatt kien hemm *baseball cap* griza (Dok. 6).

L-appellati bdew jichdu li kellhom x' jaqsmu mas-serqa tal-flus u qalu li l-flus kien jaghtihomlhom missierhom u li ma kellhomx bzonn flus mis-serq. Meta staqsa lil Christian Fenech jekk il-papoocc kienx isellfu lil xi hadd, dan kien wiegbu li le u qallu *"Dak ilbistu w bqajt bih jiena llum."* Meta staqsieh jekk dik il-gakketta tal-jeans hu kienx il-hin kollu biha, Christian Fenech kien wiegbu *"Dik il-gakketta hija ta' hija Justin, pero' nisilfuha lil xulxin."* Meta staqsieh dak in-nhar jistax ikun li f' xi mument kien sellifa lil Justin, Christian Fenech kien wiegbu *"Jista' jkun, pero' meta hrigt biha mid-dar , biha kont. Pero' jista' jkun li sellifthielu f' xi hin*." Igifieri biddel il-gakketta w taha lil huh f' xi hin minnhom wara s-sebgha.

Christian Fenech baqa' jinsisti li fil-hin ta' bejn is-6.25pm u 7pm li hu kien ghand il-kugin tieghu. Pero' meta l-Ispettur kellem lil dan il-kugin li jismu Duncan Buttigieg, dan cahad li kien ghandu  Christian. Kien kellmu biss huh il-kbir Justin Fenech, li kien mar momentarjament hdejh ghal ftit minuti u kien ghamel telefonata minn ghandu ghad-dar tieghu biex jara huh kienx wasal id-dar.

Cirkostanza li indubbjament ghandha certa rilevanza hi dik li semma l-Ispettur Agius ukoll fix-xiehda tieghu (fol. 77). Jghid li meta bdew jinterrogaw lil Christian Fenech,  f' mument minnhom, meta bdew jistaqsuh fuq il-flus, qiesu beda jatihom x' jifmhu li : "*Jekk ingibilkom il-flus qiesu jghaddi kollox mar-rih, ghax jien lest li ommi…."* Qalilhom: *"Tuni cans jumejn ha nkellem lill-genituri u lil hija wkoll, halli nara minn fejn ingibu l-flus u forsi jieqaf kollox hemm."* Huma kienu ghamluhielu cara li jekk jigu l-flus xorta ma jieqafx kollox hemm, imma jkun ta' ghajnuna kieku jikkoopera mal-Pulizija.

**L-Ispettur Agius** zied jghid (fol. 78) li waqt l-istqarrija, meta huma kien qalu lil Christian Fenech li kellhom filmat

u li hu kien jidher fil-filmat, beda qiesu jithasseb hafna u beda jitlobhom: "*Nixtieq nitkellem naqra fil-privat ma' hija.*" Darba ohra mbaghad, meta l-Ispettur Mercieca beda jistaqsieh dirett jekk kienx hu li ghamel il-*hold-up*, kien ha pawsa twila, ghamel xi ghoxrin minuta, qalilhom *"Tuni naqra cans."* Beda jahseb u jhokk rasu, pero' meta staqsewh dirett, innega li kien ghamel il-*hold-up* hu. L-Ispettur temm jghid : *"Pero' dejjem baqa hu, li kwazi xtaq hu li jekk igibilna l-flus u jieqaf kollox hekk, kien kwazi accetta jigifieri."*

**L-Ispettur Joseph Mercieca** ukoll kien semma din ic-cirkostanza fix-xhieda tieghu (fol. 96) u qal:
*"..fil-kors ta' din l-istqarrija* (l-ewwel wahda ta' Christian Fenech datata 11 ta' Marzu, 2007) *konna waqafna ghal xi hin …Naf li f' hin minnhom staqsejtu jekk hux f' pozizzjoni li jgib il-flus lura, qalli "Tini jumejn cans halli nitkellem ma' tal-familja, u nara kif ser jigu lura."* L-Ispettur zied jghid li kienu tkellmu rigward hafna affarijiet ohra – rigward pieni possibbli, rigward quddiem min ser jersaq bhala Magistrat. Jiftakar li rigward il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima li kienet xoghol l-ghada it-Tnejn, Christian Fenech kien esprima x-xewqa li ma jersaqx quddiemha peress li kellu xi kazijiet quddiemha diga'. Wara hamsin minuta umbaghad komplew bl-istqarrija w meta staqsieh x' konnessjoni kellu ma dan il-*hold-up*, wara li dam ghoxrin minuta jahsibha kien qallu li ma kellu x' jaqsam xejn. Umbaghad komplew bl-istqarrija w cahad l-involviment tieghu fl-*hold-up* in kwistjoni.

Meta rega' xehed quddiem l-Ewwel Qorti **l-Ispettur Mercieca** (fol. 138 et seq.) qal li fil-bidu Christian Fenech beda jikkoopera xi ftit mal-Pulizija w, ghalkemm qatt ma ammetta l-involviment tieghu, pero' hin minnhom fil-kors tal-interrogazzjoni, kien deher dispost li jgib il-flus li nsterqu lura w kien beda' jistaqsieh ukoll quddiem min kien ha jidher Magistrat ghax mid-dehra ma xtaqux quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima, peress li kellhom xi kazijiet mas-seduta taz-Zejtun. Pero' umbaghad kien talbu ukoll biex ikellem lil huh (Justin) u minn meta kellem lil huh 'l hinn, dan ma wiegeb xejn bhal huh.

Dan l-incident jinsab rifless fl-ewwel stqarrija ta' Christian Fenech tal-11 ta' Marzu, 2007 (fol. 11 et seq. tal-process) . A fol. 12a *in calce* hemm dan li gej:-

*"M. U jekk nghidlek li rawk in-nies, rekordjat fic-CCTV fejn tidher bl-istess slipper li sibniek bih il-bierah, kellek l-istess xalla li tidher ukoll fic-CCTV, hawwadt u gdibt kemm flaht biex tipprova tigbor alibi u sa kwarta ilu konna qed nitkellmu minn fejn konna ser ingibu l-flus misruqa u minkejja dan qed tichad li kont int li ghamiltu dan il-hold-up. Hekk qed tghidli jigifieri?*
*T.* **(wara pawsa twila ta' madwar ghoxrin minuta jahseb x' ser jghid)** *ma irrispondiex.*
*M. Ser naghmillek mistoqsija iktar diretta w iktar facli. Dan il-hold-up int ghamiltu?*
*T. Le.*
**Stqarrija interrotta ghall-habta tas-7p.m. u regghet bdiet ghall-habta tas-7.50 p.m.**
*M. Ser nerga' naghmillek l-ahhar mistoqsija li ghamiltlek. X' konnessjoni kellek ma dan il-hold-up?*
*T. Xejn.*
*M. La qed tghid li ma kellek x' taqsam xejn ma dan il-hold-up ghaliex kont qed tikkonsidra minn fejn ser iggib il-flus biex troddhom lura?*
*T. Ghax jien lest li niblaghhom jien imbasta ma nehilx jiena. Anzi nixtieq li ma nwegibx ghaliha din il-mistoqsija.*
*M. Lilek xi hadd wieghdek li ma jigri xejn jekk iggib il-flus lura?*
*T. Mill-immaginazzjoni tieghi."*

Invece Justin Fenech qatt ma wiegeb ghal ebda domanda li saritlu waqt l-interrogazzjonijiet li sarulu sakemm iz-zewg appellati damu arrestati. (ara wkoll iz-zewg stqarrijiet tieghu a fols. 19 sa 26 tal-process)

Ikkonsidrat;

Illi meta din il-Qorti ezaminat w evalwat dawn il-provi, thoss li mill-assjem tal-provi hemm indizji qawwija li jindkaw li z-zewg appellati kienu t-tnejn involuti fl-imsemmija serqa. Irrizulta li l-uhud mill-items t' ilbies li

kellhom fuqhom ftit tal-hin wara s-serqa kien jixbah hafna jekk mhux identiku ghal dak li kien jidher fir-ritratti mehuda mis-sistema tac-CCTV u li huma esebiti fil-process. Dana b' mod partikolari iz-zarbun bil-marka bajda fil-gemb tieghu li kien liebes dak li dahal fl-ispizerija w l-gakketta tal-jeans bil-*lining* tal-"*fur*" li kien liebes dak li baqa' barra l-ispizerija. Ix-xalla li nstabet fil-kamra tas-sodda taghhom ukoll kienet simili ghal dik li kellu tghattilu l-parti t' isfel ta' wiccu l-halliel li fferma lil West. Instabu mus u skieken fl-istess kamra.

L-alibi li taw kien wiehed konfuzjonarju. L-ewwel qalu li kienu l-pjazza, umbaghad ghand il-kugin. Umbaghad ghand il-kugin irrizulta li kien mar Justin u dan biss ghal ftit minuti sakemm cempel biex jara huh Christian kienx wasal id-dar. Hemm ukoll il-ko-incidenza li proprju x' hin waslu l-Pulizija d-dar taghhom ftit tal-hin wara s-serqa, waslu huma nifishom maqtugh.

Pero' cirkostanza li f' mohh din il-Qorti twassal ghall-konkluzzjoni ta' htija sal-grad tac-certezza morali fil-kaz tal-appellat Christian Fenech hi l-atteggjament tieghu waqt l-interrogazzjoni inizjali tieghu fejn donnu ried iz-zmien biex igib il-flus lura. Rinfaccat bil-mistoqsija fuq riprodotta, hu ma cahadx li kien qal kliem f' dan is-sens, imma wiegeb : **<u>"Ghax jien lest li niblaghhom jien imbasta ma nehilx jiena."</u>** Invece wiehed kien jistenna li kieku ma kienx veru li ta din l-indikazzjoni li ser jipprova jgib il-flus, li kien jirrispondi f' dan is-sens. Bil-fatt li rrisponda kif irrisponda, l-appellat Christian Fenech implicitament gie li accetta l-premessa tad-domanda w cioe' li kien qed jikkonsidra minn fejn ser igib il-flus biex iroddhom lura. Issa ebda persuna normali li tkun qed tigi akkuzata ingustament b' serq ma hi mistennija li tissuggerixxi jew toffri li ggib il-flus lura. Din ic-cirkostanza importanti – li giet injorata ghal kollox fis-sentenza appellata – tindebolixxi serjament il-kredibilita' tal-appellat Christian Fenech meta cahad l-involviment tieghu fis-serqa.

Ghalhekk anki jekk ma jitqiesux dak li kien qal Noel Micallef lill-Pulizija *a tempo vergine* u dak li xehed quddiem Dr. Richard Sladden – ghax dan baqa' ma

xehedx f' din il-kawza – hemm bizzejjed provi indizjarji li flimkien mac-cirkostanza appena trattata jorbtu lill-appellat Christian Fenech mas-serqa in ezami, Umbaghad bl-insistenza tieghu li z-zarbun bil-marka bajda kien f' saqajh il-hin kollu dik il-lejla: *"Dak ilbistu w bqajt bih jiena llum."* jirrizulta li miz-zewg persuni li jidhru li kienu involuti hu kien proprju l-awtur tas-serqa w cioe' dak li dahal fl-ispizerija, fferma lill-Ispizjara West u harab bil-flus.

Naturalment pero', qal x' qal lill-Pulizija l-appellat Christian Fenech, dan bl-ebda mod ma jista' jkun ta' pregudizzju ghall-appellat l-iehor Justin Fenech.

Kontra Justin Fenech hemm biss ic-cirkostanza li l-persuna li tidher barra kienet liebsa l-gakketta tad-denim *lined* bil-*fur* bhal dik li kien liebes huh Christian meta wasal id-dar tieghu flimkien mal-istess Justin u rawhom il-pulizija (Dok. 3), u li fil-kamra tas-sodda fejn hu kien jorqod ma huh Christian instabu x-xalla u l-*"butterfly knife"* kif ukoll il-fatt li jidher li dik il-lejla l-ahwa kienu qattghu xi hin flimkien ghalkemm mhux il-hin kollu. (Ara depozizzjoni ta' Duncan Buttigieg).

Dawn il-provi indizjarji, ghalkemm jiggeneraw suspett qawwi hafna w probabbilta' qawwija li l-persuna li baqghet barra l-ispizerija waqt i-serqa kienet l-appellat Justin Fenech, bl-implikazzjonijiet kollha ta' komplicita' fl-istess serqa li dan seta' jgib mieghu, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jwasslux ghall-konvinciment morali taghha li bil-fors dak il-persuna kien Justin Fenech. Lanqas ma tista' tingibed xi inferenza ta' htija bil-mod kif Justin Fenech ma wiegeb xejn ghad-domandi li sarulu fiz-zewg interrogatorji traskritti tieghu. Dak kien dritt tieghu.

S' intendi dan l-ezercizzju kollu irrenda ruhu daqshekk difficli ghall-prosekuzzjoni minhabba l-*"auto goal*" kommess minnha stess meta ommettiet li tipproduci lil Noel Micallef bhala xhud fil-kawza, kif gja intqal. Imma issa l-prosekuzzjoni ma tistax tissana l-izball taghha f' dan l-appell u tippretendi li din il-Qorti tikkonsidra provi li –tort taghha – mhumiex ammissibbli. Ghalhekk fil-kaz ta' Justin

Fenech l-appell tal-Avukat Generali ma jreggix u qed jigi michud.

Dwar il-piena l-Qorti qieset li Christian Fenech huwa recidiv kif irrizulta mis-sentenza esebita w l-prova tal-identita' li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll li diga' gie sentenzjat darba ghal prigunerija effettiva.

Qieset ukoll ghar-rigward tat-talba ghal kundanna tal-ispejjez peritali kontenuta fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali, skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Giosue' Gauci"** [28.12.2009], fejn gie ritenut li meta perit jigi nominat biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti rilevanti u dan kontra dak li jiddisponi espressament it-tielet *proviso* ta' l-artikolu 548 tal-Kap.9, tali spejjez peritali m'ghandhomx jigu akkollati lill-persuna misjuba hatja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat Justin Fenech mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w minnhom tilliberah, tirrevokaha fejn sabet lil-appellat Christian Fenech mhux hati tal-akkuzi w tal-addebitu tar-recidiva w illiberatu minnhom u minnflok, wara li rat l-artikoli kontenuti fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali (a fol.101 tal-process), qed issib lill-appellat Christian Fenech, recidiv, hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, b' dana li, ghall-fini tal-piena, t-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni ghandhom jigu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur, li ma jeccidix l-elf lira Maltin, stante li servew bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat taht l-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali u, wara li qieset il-kondotta refrattarja tal-appellat kif tirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, tikkundannah ghal tlitt snin (3) prigunerija, kif ukoll li jhallas l-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta' Ewro 43.09c (ekwivalenti ghall-LM18.50c). Qed jigu espressament

eskluzi l-ispejjez tar-relazzjoni peritali ta’ Dr. Richard Sladden peress li l-Magistrat Inkwirenti qatt ma messha nnominat espert bl-inkariku limitat li jisma’ l-provi biss kif sar fil-hatra ta’ dan l-espert. Jekk dawn l-ispejjez ma jithallsux fi zmien hmistax, jigu konvertiti f’ terminu ulterjuri ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------